## 26 ta' Mejju, 1992

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Perit Arkitett Lawrence Mintoff

*versus*

Saviour *sive* Salvatore Camilleri

**Sigriet – Sempliċi Ordni jew Direttiva (Dawn mhux Appellabbli)**

*Waqt il-konduzzjoni tal-kawża kull Qorti jkollha tagħti numru ta' ordnijiet,*
*istruzzjonijiet u provvedimenti. Hemm imbagħad id-digrieti – kamerali jew interlokutorji – li huma essenzjalment deċiżjonijiet kif inhuma s-sentenzi. Però huwa manifest illi mhux ordni, direttiva, u għall-istruzzjoni ta' kawża hija, jew tammonta għal deċiżjoni. Ordnijiet bħal dawn mhumiex appellabbli.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-att ta' ċitazzjoni fl-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, brevement, jesponi illi l-konvenut kien impjegat tal-kumpanija u waqt dan l-impieg kien għamel użu mill-faċilitajiet li poġġiet għad-disposizzjoni tiegħu l-kumpanija u dan, fl-interess tiegħu u mhux tal-kumpanija u inkassa flus għall-istess attività. Dan l-aġir illegali u abbużiv tal-konvenut irreka danni lill-kumpanija

billi din ma setgħetx tagħmel użu mill-flus tagħha li l-konvenut żamm għalih u dawn għandhom jiġu ekwiparati għal imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) sakemm il-Qorti ma ssibx lii għandu jkun hemm responsabbilità akbar;

Il-kumpanija għalhekk talbet lill-Qorti biex tillikwida l-ammonti li l-konvenuti żamm għalih, kif indikati fid-dokument A – esibiti maċ-ċitazzjoni – u li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-kumpanija dawk l-ammonti kif ukoll it-tmienja fil-mija (8%) fuq l-istess ammonti;

Il-konvenut ta diversi eċċezzjonijiet fosthom – preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a bażi ta' artikolu 2153 Kap. 16;

Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 1990 ġie rreġistrat verbal li fost ħwejjeġ oħra jgħid:

"L-avukat Frank Cassar għall-konvenut jinsisti li tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni tiegħu mingħajr ma jidħlu *(sic)* fil-mertu tal-kawża u dan stante li l-art. 2154(2) tal-Kodiċi Ċivili jitkellem fuq reat u mhux allegazzjoni ta' reat...

Il-Qorti peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li sabiex tasal għall-konklużjoni huwa meħtieġ li jinstemgħu l-provi fil-mertu, fiċ-ċirkostanzi attwali tiċħad it-talba";

Il-konvenut ħass

"ruħu ferm aggravat bid-digriet mogħti" u dan huwa l-appell li jippretendi li jista' jagħmel għaliex (a) l-artikolu 2154(2)

tal-Kodiċi Ċivili *jitkellem fuq reat ta' frodi u mhux fuq* allegazzjoni ta' reat ta' frodi – u biex ikun hemm reat irid ikun hemm l-elementi ta' akkuża, proċess u sentenza;

Fl-ewwel lok din il-Qorti hija obbligata li tissopprimi dan l-appell mis-suppost "digriet" ta' l-ewwel qorti li jidher irriportat fil-paragrafu 3 *supra*:

W*aqt il-konduzzjoni* tal-kawża kull Qorti jkollha tagħti numru ta' ordnijiet, istruzzjonijiet u provvedimenti, il-parti żgħira minnhom jiġu rreġistrati fil-proċessi verabli. Hemm imbagħad id-digrieti – kamerali jew interlokutorji – *li huma* essenzjalment **deċiżjonijiet** kif inhuma s-sentenzi. Però huwa manifest illi mhux kull ordni, direttiva, ordinanza jew *provvediment li tagħmel* jew **tagħti l-Qorti *fil-konduzzjoni*** *u* għall-istruzzjoni ta' kawża hija, jew tammonta, għal deċiżjoni;

Fil-każ preżenti l-konvenut qed jippretendi li għaliex huwa talab lill-Qorti biex tagħti deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni tiegħu, mingħajr ma tisma' l-provi, billi ġie verbalizzat li l-"Qorti tiċħad it-talba" dan huwa digriet interlokutorju – fi kliem ieħor – deċiżjoni li ma tiddeċidiex. Din ir-riduzzjoni ta' dak li ġara f'*termini* aktar apparenti turi li dak li għamlet il-Qorti – għalkemm fil-forma solita tad-digriet – hija sempliċi **ordni** li tirrigwarda l-andament tal-proċediment, u l-konduzzjoni regolata ta' l-istess u ordnijiet *bħal dawn m'humiex* appellabbli;

Għall-abbundanza però – fil-mertu għandu jingħad li dak *li ssottometta l-konvenut huwa assolutament inattendibbli. Huwa* assjommatiku f'kull proċedura illi kull att promotur **jallega** fatti li jridu dejjem jiġu ppruvati. Għalhekk iċ-ċitazzjoni ppreżentata

mill-attur neċessarjament tallega reat, u kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili (artikolu 3(1) Kap. 9) u fiż-żewġ azzjonijiet huma distinti, il-prova ta' dak li jiġi allegat, trid issir, f'kull waħda mill-azzjonijiet. Huwa daqshekk ieħor evidenti u elementari li l-azzjoni ċivili ma tiddependi b'ebda mod minn preċedenti azzjoni kriminali, kif espona l-konvenut li, *niente di meno* jippretendi li tali azzjoni – inkluża l-preżenti – trid tkun preċeduta minn "akkuża, proċess u sentenza";

Għaldaqstant l-appell interpost, qed jiġi rriġettat – kemm għaliex huwa null inkwantu l-ordni tal-Qorti verbalizzata fid-19 ta' Ottubru, 1990, hija inappellabbli u kemm għaliex, fis-sustanza l-pretiża ta' l-appellant hija assolutament bla bażi;

Għal dawn ir-raġunijiet ukoll l-appell jirriżulta frivolu u vessatorju u l-appellant għandu jħallas spejjeż doppji;

L-atti għandhom jiġu rimessi lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.